



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Brussell, 25 ta' Ġunju 2026
(OR. en)**

**2025/0261(COD)
LEX 2528**

**PE-CONS 32/1/26
REV 1**

**POLCOM 189
COMER 95
USA 17
COTRA 40
AGRI 410
PECHE 194
CODEC 990**

REGOLAMENT

**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
DWAR L-AĠĠUSTAMENT TAD-DAZZI DOGANALI
FUQ L-IMPORTAZZJONIJIET TA' ĊERTI OĠĠETTI
LI JORIĠINAW MILL-ISTATI UNITI TAL-AMERKA
U L-FTUĦ TA' KWOTI TARIFFARJI GĦALL-IMPORTAZZJONIJIET
TA' ĊERTI OĠĠETTI LI JORIĠINAW MILL-ISTATI UNITI TAL-AMERKA**

REGOLAMENT (UE) 2026/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Ġunju 2026

**dwar l-aġġustament tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti
li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka u l-ftuħ ta' kwoti tariffarji
għall-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja¹,

¹ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Ġunju 2026 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2026.

Billi:

- (1) L-Unjoni u l-Istati Uniti tal-Amerka (l-"Istati Uniti") għandhom l-ikbar relazzjoni kummerċjali u ta' investiment bilaterali u dik l-aktar profonda fid-dinja u għandhom ekonomiji integrati ferm. Il-kummerċ bidirezzjonali totali bejniethom kellu valur ta' aktar minn EUR 1,6 triljun fl-2024. Dik is-sħubija profonda u komprensiva hija sostnuta minn investiment reċiproku sinifikanti fis-swieq ta' xulxin b'valur ta' madwar EUR 5,3 triljun. L-iżgurar tat-tkomplija tal-integrazzjoni ta' dawk l-ekonomiji, li jirfed is-sħubija usa' bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti, huwa imperattiv strateġiku, b'mod partikolari fi żmien fejn il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna thedded l-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Unjoni.
- (2) L-Unjoni ttenni l-impenn sod tagħha għal sistema kummerċjali multilaterali trasparenti, ġusta u bbażata fuq ir-regoli msejsa fuq il-prinċipji tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO). F'konformità mat-Trattati, l-Unjoni tibqa' impenjata li tavvanza l-valuri u l-interessi tagħha fix-xena globali, b'mod partikolari permezz tal-promozzjoni ta' kummerċ miftuħ u ekwu u tat-tisħiħ tad-dritt internazzjonali. Id-WTO tibqa' l-pedament tal-ordni kummerċjali globali u l-forum primarju għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar tar-regoli kummerċjali internazzjonali. Il-kooperazzjoni mill-qrib ma' sħab tal-istess fehma hija essenzjali biex tinżamm u tissaħħaħ dik is-sistema, biex jiġi ssalvagwardjat ambjent kummerċjali globali prevedibbli u bbażat fuq ir-regoli, biex jiġu avvanzati r-riformi meħtieġa tad-WTO u biex jiġi stabbilit mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim li jiffunzjona tajjeb.

- (3) L-Unjoni tibqa' impenjata li tiżgura li r-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti tevolvi f'konformità mal-prinċipji ta' kummerċ liberu u ġust bejn il-partijiet, u f'konformità mas-sistema kummerċjali bbażata fuq ir-regoli tad-WTO mingħajr ma timmina miżuri oħra tal-politika kummerċjali tal-Unjoni, inkluż fil-qasam tad-difiża tal-kummerċ.
- (4) Matul l-2025, l-Istati Uniti introduċew serje ta' miżuri tariffarji li jaffettwaw l-Unjoni. B'effett mit-12 ta' Marzu 2025, l-Istati Uniti imponew tariffi addizzjonali ta' 25 % fuq l-importazzjonijiet tal-azzar u l-aluminju u l-prodotti derivattivi tagħhom. B'effett mit-3 ta' April 2025, l-Istati Uniti imponew tariffa addizzjonali ta' 25 % fuq l-importazzjoni ta' karożżi. B'effett mill-5 ta' April 2025, l-Istati Uniti imponew tariffa addizzjonali fuq l-importazzjonijiet kollha mis-sħab kummerċjali kollha, bil-possibbiltà ta' eċċezzjonijiet. Dik it-tariffa addizzjonali inkludiet tariffa bażi ta' 10 % fuq l-importazzjonijiet kollha. Skont il-bilanċi kummerċjali bilaterali, dik it-tariffa bażi tista' tiġi ssostitwita bit-tariffi speċifiċi għall-pajjiż. Għall-Unjoni, it-tariffa speċifika għall-pajjiż mħabbra kienet ta' 20 %. Fid-9 ta' April 2025, l-Istati Uniti ħabbru differiment ta' 90 jum tal-impożizzjoni tat-tariffi speċifiċi għall-pajjiż, filwaqt li żammew it-tariffa bażi ta' 10 % fis-seħħ għas-sħab kollha. B'effett mit-3 ta' Mejju 2025, l-Istati Uniti imponew tariffa addizzjonali ta' 25 % fuq l-importazzjonijiet tal-partijiet tal-karożżi. B'effett mill-4 ta' Ġunju 2025, it-tariffi tal-Istati Uniti fuq l-importazzjonijiet tal-azzar u l-aluminju u l-prodotti derivattivi tagħhom żdiedu għal 50 %. Fit-12 ta' Lulju 2025, il-President tal-Istati Uniti ħabbar li t-tariffa bażi ta' 10 % fuq l-oġġetti tal-Unjoni ser tiġi ssostitwita b'tariffa speċifika għall-pajjiż ta' 30 %, b'effett mill-1 ta' Awwissu 2025. B'effett mill-1 ta' Awwissu 2025, l-Istati Uniti imponew tariffi addizzjonali ta' 50 % fuq l-importazzjonijiet tar-ram u tal-prodotti derivattivi tiegħu.

- (5) F'tali kuntest, u bil-ħsieb li jiġi stabbilit qafas stabbli għall-kummerċ bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti, il-President tal-Kummissjoni u l-President tal-Istati Uniti laħqu ftehim politiku fis-27 ta' Lulju 2025 (il-“ftehim politiku tas-27 ta' Lulju 2025”), li sussegwentement ġie rifless fid-Dikjarazzjoni Konġunta dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti dwar Kummerċ Reċiproku, Ġust u Bilanċjat tal-21 ta' Awwissu 2025 (id-"Dikjarazzjoni Konġunta").
- (6) Fid-Dikjarazzjoni Konġunta, l-Istati Uniti impenjaw ruħhom li jimmodifikaw ċerti tariffi applikabbli għall-importazzjonijiet mill-Unjoni lejn l-Istati Uniti, f'konformità mal-ftehim politiku tas-27 ta' Lulju 2025, billi titnaqqas ir-rata applikabbli għal rata massima ta' 15 %. L-Istati Uniti impenjaw ruħhom ukoll li japplikaw it-tariffa tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit (MFN, most-favoured nation) għal ċerti prodotti tal-Unjoni bħar-riżorsi naturali li mhumiex disponibbli, inkluż is-sufra, l-inġenji tal-ajru u l-partijiet kollha tal-inġenji tal-ajru, il-farmaċewtiċi ġeneriċi u l-ingredjenti u l-prekursuri kimiċi tagħhom. L-Unjoni u l-Istati Uniti impenjaw ruħhom li jikkunsidraw ukoll setturi u prodotti oħra li huma importanti għall-ekonomiji u l-ktajjen tal-valur tagħhom għall-inklużjoni fil-lista ta' prodotti li għalihom tapplika biss it-tariffi tal-MFN.

- (7) L-Unjoni u l-Istati Uniti għandhom l-intenzjoni li d-Dikjarazzjoni Konġunta tkun l-ewwel pass fi proċess li jista' jiġi estiż aktar maż-żmien biex ikopri oqsma addizzjonali u jkompli jtejjeb l-aċċess għas-suq u jżid ir-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment tagħhom. L-Unjoni tibqa' impenjata li tkompli tinvolvi ruħha f'negozjati mal-Istati Uniti bil-ħsieb li jintlaħaq qbil ta' benefiċċju reċiproku għal setturi importanti oħra tal-ekonomija tagħha, bħall-prodotti tas-settur agroalimentari, kif ukoll is-settur tal-prodotti industrijali.
- (8) Fid-Dikjarazzjoni Konġunta, l-Unjoni impenjat ruħha li telimina d-dazji doganali fuq il-prodotti industrijali kollha tal-Istati Uniti u li tipprovdi aċċess preferenzjali għas-suq għal firxa wiesgħa ta' prodotti tal-frott tal-baħar u agrikoli tal-Istati Uniti, inklużi l-ġewż tas-siġar, il-prodotti tal-ħalib, il-frott u l-ħxejjex friski u pproċessati, l-ikel ipproċessat, iż-żrieragħ għat-ħawwil, iż-żejt tal-fażola tas-sojja, u l-laħam tal-majjal u tal-biżonti. L-Unjoni u l-Istati Uniti impenjaw ruħhom li jinnegozjaw regoli tal-oriġini li japplikaw għal dawk il-benefiċċji kummerċjali.
- (9) Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni taggħusta d-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti u tiftaħ kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti, billi tadotta miżuri tariffarji preferenzjali kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill².

² Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj>).

- (10) Dan ir-Regolament ma jippreġudikax il-kapaċità tal-Unjoni, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari ir-Regolament (UE) 2023/2675 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, magħruf ukoll bħala “l-Istrument kontra l-Koerċizzjoni”, u r-Regolament (UE) Nru 654/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, magħruf ukoll bħala “ir-Regolament tal-Infurzar” u f'konformità mad-dritt internazzjonali, li tapplika miżuri b'reazzjoni għall-miżuri adottati mill-Istati Uniti.

³ Ir-Regolament (UE) 2023/2675 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2023 dwar il-protezzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha mill-koerċizzjoni ekonomika minn pajjiżi terzi (ĠU L, 2023/2675, 7.12.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2675/oj>).

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 654/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' regoli kummerċjali internazzjonali u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3286/94 li jistabbilixxi l-proċeduri tal-Komunità fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni sabiex jiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Komunità skont ir-regoli internazzjonali tal-kummerċ, b'mod partikolari dawk stabbiliti taħt l-awspiċċi tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 50, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/654/oj>).

- (11) L-objettiv ewlieni tad-Dikjarazzjoni Konġunta huwa li tistabilixxi qafas ċar għall-kummerċ trans-Atlantiku li jipprovdi stabbiltà u prevedibbiltà tant meħtieġa għall-esportaturi tal-Unjoni. Meta l-azzjonijiet mill-Istati Uniti jheddu li jimminaw tali stabbiltà u prevedibbiltà, inkluż billi jiddevjaw jew jheddu li jiddevjaw mill-impenji tagħhom skont id-Dikjarazzjoni Konġunta, pereżempju jekk l-Istati Uniti jonqsu, fil-kuntest tal-iskadenza jew tas-sostituzzjoni tas-soprataxxa temporanja fuq l-importazzjoni imposta mill-Proklamazzjoni tal-President tal-Istati Uniti tal-20 ta' Frar 2026 fuq l-esportazzjonijiet tal-Unjoni lejn l-Istati Uniti skont it-Taqsima 122 tal-Att dwar il-Kummerċ tal-1974, biex jiġi indirizzat it-tħassib tal-Unjoni rigward it-trattament tariffarju ta' dawg l-esportazzjonijiet tal-Unjoni li, sal-24 ta' Frar 2026, ibbenefikaw mil-limitu massimu tariffarju komprensiv ta' 15 % jew kienu eżentati minn tariffi addizzjonali, f'konformità mad-Dikjarazzjoni Konġunta, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissospendi, kompletament jew parzjalment, l-impenji tal-Unjoni skont id-Dikjarazzjoni Konġunta kif implimentata b'dan ir-Regolament. Bl-istess mod, meta l-Istati Uniti b'xi mod ieħor imorru kontra l-objettivi tad-Dikjarazzjoni Konġunta, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissospendi, kompletament jew parzjalment, l-impenji tal-Unjoni skont id-Dikjarazzjoni Konġunta kif implimentata b'dan ir-Regolament.

- (12) Id-Dikjarazzjoni Konġunta ma tippredix l-applikazzjoni tal-limitu massimu tariffarju ta' 15 % għall-azzar u l-aluminju; għalhekk it-tariffi ta' 50 % imposti mill-Istati Uniti fl-2025 għadhom fis-seħħ. Madankollu, l-Unjoni u l-Istati Uniti esprimew l-intenzjoni tagħhom, fid-Dikjarazzjoni Konġunta, li jikkunsidraw il-possibbiltà li jikkooperaw dwar id-delimitazzjoni tas-swieq domestiċi rispettivi tagħhom mill-kapaċità żejda tal-azzar u tal-aluminju, filwaqt li jiżguraw ktajjen tal-provvista siguri bejniethom, inkluż permezz ta' soluzzjonijiet ta' kwoti tariffarji.
- (13) Fid-19 ta' Awwissu 2025, id-Dipartiment tal-Kummerċ tal-Istati Uniti ħabbar iż-żieda ta' 407 kategoriji ta' prodotti mal-lista ta' prodotti derivattivi tal-azzar u tal-aluminju koperti mit-tariffi settorjali tat-Taqsima 232. B'riżultat ta' dan, il-kontenut ta' azzar u aluminju ta' dawk il-prodotti addizzjonali huwa soġġett għal tariffa ta' 50 %. Fit-2 ta' April 2026, il-lista ta' prodotti derivattivi tal-azzar u tal-aluminju soġġetti għal dawk it-tariffi u l-metodoloġija tal-applikazzjoni ta' dawk it-tariffi ġew emendati aktar.

- (14) L-impożizzjoni ta' dawk it-tariffi, flimkien mar-reqwiziti amministrattivi u doganali kkumplikati introdotti wara l-qbil politiku tas-27 ta' Lulju 2025, żiedu l-instabbiltà fil-kummerċ bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti u wasslet għal konsegwenzi ekonomiċi serji għall-kumpaniji tal-Unjoni kkonċernati u għall-ħaddiema tagħhom. Dawk it-tariffi jaffettwaw ukoll b'mod sproporzjonat lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u lill-industriji downstream tal-Unjoni, filwaqt li jimminaw il-kompetittività tagħhom fis-suq tal-Istati Uniti u jwasslu għal telf potenzjali fit-tul tas-sehem mis-suq u għal dannu dejjiemi lill-ktajjen tal-provvista industrijali trans-Atlantiċi. Għalhekk jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Uniti jaslu għal konklużjoni rapida u ta' benefiċċju reċiproku għan-negożjati li għaddejjin bħalissa bil-għan li jsolvu dawk il-kwistjonijiet dwar it-tariffi u jerġgħu jiksbu relazzjonijiet kummerċjali trans-Atlantiċi stabbli. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta att ta' implimentazzjoni li jissospendi l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kapitoli 72, 73 u 76 tan-Nomenklatura Magħquda kif stabbilita fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87⁵, fejn, fil-31 ta' Diċembru 2026, l-Istati Uniti jkomplu japplikaw tariffa oġhla minn 15 % fuq prodotti derivattivi tal-azzar u tal-aluminju importati mill-Unjoni lejn l-Istati Uniti.
- (15) Dan ir-Regolament jagħti preferenzi tariffarji u kwoti tariffarji wiesgħa u eċċezzjonali lill-Istati Uniti, li potenzjalment jistgħu jwasslu għal żidiet fl-importazzjonijiet tal-oġġetti koperti minn dawk il-preferenzi u l-kwoti, li jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq l-industrija tal-Unjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' salvagwardja, bil-għan li jipproteġi l-industrija tal-Unjoni inkluż fis-settur tal-agrikoltura, fil-każ li l-preferenzi tariffarji u l-kwoti tariffarji previsti f' dan ir-Regolament iwasslu għal tali żidiet fl-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti li jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw dannu serju lill-industrija tal-Unjoni.

⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1987/2658/oj>).

- (16) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tissospendi, totalment jew parzjalment, l-applikazzjoni tad-dazji doganali aġġustati u tal-kwoti tariffarji previsti f'dan ir-Regolament, f'ċirkostanzi speċifiċi. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶.
- (17) Jenħtieġ li l-orijini ta' oġġett tiġi ddeterminata f'konformità mal-liġiapplikabbli tal-Unjoni, b'mod partikolari, ir-regoli dwar l-orijini mhux preferenzjali stabbiliti fit-Titolu II, Kapitolu 2, Taqsima 1 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, sakemm ikunu ġew adottati regoli dwar l-orijini preferenzjali kif imsemmija f'dak ir-Regolament biex jiġi implimentat l-eżitu tan-negozjati dwar ir-regoli tal-orijini msemmija fid-Dikjarazzjoni Konġunta.
- (18) Dan ir-Regolament mhuwiex akkompanjat minn valutazzjoni tal-impatt u l-impatt ekonomiku potenzjali ta' dan ir-Regolament huwa diffiċli li jiġi stmat qabel l-adozzjoni tiegħu. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja l-effetti ekonomiċi fl-Unjoni tal-aġġustament tad-dazji doganali u l-ftuħ ta' kwoti tariffarji previsti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'intervalli regolari bil-bidliet fil-volumi u l-valuri tal-kummerċ tal-importazzjonijiet lejn l-Unjoni tal-oġġetti li joriġinaw fl-Istati Uniti u li huma koperti minn dan ir-Regolament. Sat-30 ta' Ġunju 2029, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta valutazzjoni komprensiva tal-effetti ta' dan ir-Regolament akkompanjata, fejn xieraq, minn proposta leġiżlattiva biex testendi l-perjodu tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13 ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>).

- (19) L-aċċess għas-suq tal-Unjoni jiddependi fuq il-konformità mad-dritt applikabbli tal-Unjoni.
- (20) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser jinżammu infurmati b'mod sħiħ u regolari u f'waqtu dwar l-iżviluppi rilevanti fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, u ser jiġu kkonsultati kif xieraq, f'konformità mat-Trattati.
- (21) Fid-dawl tal-importanza li jiġi evitat tfixkil tar-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Aġġustament tad-dazji doganali

1. Id-dazji doganali applikabbli tat-Tariffa Doganali Komuni stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-oġġetti kklassifikati taħt il-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda (NM) elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament u li joriġinaw mill-Istati Uniti għandhom ikunu ta' 0 %.
2. Il-komponent ad valorem tat-Tariffa Doganali Komuni ma għandux jiġi applikat għall-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-oġġetti kklassifikati taħt il-kodiċijiet NM elenkati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament u li joriġinaw mill-Istati Uniti. Id-dazju speċifiku fuq dawg l-oġġetti, li japplika f'sitwazzjoni fejn il-prezz tal-importazzjoni jaqa' taħt il-prezz tad-dħul, għandu jinżamm.

Artikolu 2

Ftuħ ta' kwoti tariffarji

1. Il-kwoti tariffarji tal-Unjoni għandhom jinfetħu għall-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-oġġetti kklassifikati taħt il-kodiċijiet NM elenkati fl-Anness III u li joriġinaw mill-Istati Uniti.
2. Fi ħdan il-kwoti tariffarji msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ir-rati tad-dazji preferenzjali skont it-tifsira tal-Artikolu 56(2), il-punt (e), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għandhom japplikaw. Dawg ir-rati għandhom ikunu r-rati tad-dazju speċifikati fil-kolonna bit-titolu "rata sal-kwota" tat-tabella stabbilita fl-Anness III ta' dan ir-Regolament, u għandhom japplikaw sal-volumi speċifikati fil-kolonna bit-titolu " volum tal-kwota" ta' dik it-tabella.

Il-volumi tal-kwota stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għal perjodi konsekuttivi ta' 12-il xahar, fejn l-ewwel minn dawg il-perjodi jibda fi ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

3. Il-volumi tal-kwota stabbiliti fl-Anness III ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu ġestiti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri f'konformità mas-sistema ta' ġestjoni għattariffi previsti fl-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447⁷.

Artikolu 3

Sospensjoni tal-applikazzjoni tal-Artikoli 1 u 2

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta att ta' implimentazzjoni li jissospendi kompletament jew parzjalment l-applikazzjoni tal-Artikoli 1 u fi kwalunkwe miċ-ċirkostanzi li ġejjin, wara li twettaq eżami abbażi tal-informazzjoni sostanzjata miġbura fuq inizjattiva tagħha stess jew riċevuta minn kwalunkwe sors affidabbli, inkluż Stat Membru jew il-Parlament Ewropew:
- (a) meta l-Istati Uniti jonqsu milli jimplimentaw id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti dwar Kummerċ Reċiproku, Ġust u Bilanċjat tal-21 ta' Awwissu 2025 (id-“Dikjarazzjoni Konġunta”), pereżempju jekk, fil-kuntest tal-iskadenza jew is-sostituzzjoni tas-soprataxxa temporanja fuq l-importazzjoni imposta mill-Proklamazzjoni tal-President tal-Istati Uniti tal-20 ta' Frar 2026 fuq l-esportazzjonijiet tal-Unjoni lejn l-Istati Uniti skont it-Taqsima 122 tal-Att dwar il-Kummerċ tal-1974, l-Istati Uniti jonqsu milli jindirizzaw it-tħassib tal-Unjoni rigward it-trattament tariffarju ta' dawk l-esportazzjonijiet tal-Unjoni li sal-24 ta' Frar 2026 ibbenefikaw mil-limitu massimu tariffarju komprensiv ta' 15 % jew kienu eżentati minn tariffi addizzjonali, f'konformità mad-Dikjarazzjoni Konġunta;

⁷ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2015/2447/oj).

- (b) fejn l-Istati Uniti jimminaw b'mod ieħor l-oġettivi tat-titjib tar-relazzjoni kummerċjali u ta' investment bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti u l-oġettivi mfittxija mid-Dikjarazzjoni Konġunta li jiġi promoss kummerċ reċiproku, ġust u bbilanċjat, jew jimminaw l-aċċess tal-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni għas-suq tal-Istati Uniti, jiddiskriminaw jew jimmiraw kontra operaturi ekonomiċi tal-Unjoni li għandhom l-għan li joperaw, jew li diġà joperaw, fl-Istati Uniti, jew b'xi mod ieħor ifixklu r-relazzjoni kummerċjali u ta' investment bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti;
- (c) fejn ikun hemm biżżejjed indikazzjonijiet li l-Istati Uniti ser jaġixxu bil-mod imsemmi fil-punt (a) jew (b) fil-futur; jew
- (d) meta tkun seħħet bidla fiċ-ċirkostanzi oġġettivi fir-rigward ta' dawk eżistenti fid-data tad-Dikjarazzjoni Konġunta.

2. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta att ta' implimentazzjoni li jissospendi l-applikazzjoni tal-Artikolu 1 fir-rigward tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kapitoli NM 72, 73 u 76 kif elenkati fl-Anness I, fejn, fil-31 ta' Diċembru 2026, l-Istati Uniti jkomplu japplikaw rata tariffarja oġhla minn 15 % fuq prodotti derivattivi tal-azzar u tal-aluminju importati mill-Unjoni lejn l-Istati Uniti.

Sal-1 ta' Diċembru 2026, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trattament tariffarju tal-Istati Uniti tal-prodotti derivattivi tal-azzar u tal-aluminju importati mill-Unjoni lejn l-Istati Uniti.

3. L-atti ta' implimentazzjoni msemija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 5(2).

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom japplikaw sakemm jippersistu ċ-ċirkostanzi msemija fil-paragrafu 1 jew 2, rispettivament.

Artikolu 4

Miżuri ta' salvagwardja

1. Fejn hemm biżżejjed evidenza li, bħala riżultat tal-aġġustament tad-dazji doganali skont l-Artikolu 1 jew il-ftuħ ta' kwoti tariffarji skont l-Artikolu 2, oġġett speċifiku li joriġina fl-Istati Uniti huwa importat fl-Unjoni f'tali kwantitajiet miżjuda, f'termini assoluti jew relattivi għall-produzzjoni tal-Unjoni, u taħt tali kundizzjonijiet, li jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw dannu serju lill-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li jissospendi kompletament jew parzjalment l-applikazzjoni tal-Artikolu 1 jew 2. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 5(2).

2. Fuq talba debitament sostanzjata minn tliet Stati Membri jew aktar, il-Kummissjoni għandha tinvestiga jekk iċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1 jeżistux.

Il-Kummissjoni għandha tibda tali investigazzjoni wkoll fuq talba tal-industrija tal-Unjoni, jew ta' kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tkun qed taġixxi f'isem l-industrija tal-Unjoni, jew ta' kwalunkwe assoċjazzjoni li ma jkollhiex personalità ġuridika li tkun qed taġixxi f'isem l-industrija tal-Unjoni jew f'isem trade unions, fejn ikun hemm biżżejjed evidenza prima facie ta' dannu serju jew it-theddida ta' dannu serju għall-industrija tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni tista' tibda tali investigazzjoni fuq inizzjattiva tagħha stess ukoll, inkluż abbażi ta' informazzjoni pprovduta minn Stat Membru wieħed jew aktar jew mill-Parlament Ewropew.

3. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri u lill-Parlament Ewropew bl-eżitu ta' kwalunkwe proċedura skont il-paragrafu 2.
4. L-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 għandu japplika sakemm jippersistu ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-adozzjoni tiegħu.
5. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu:
 - (a) "industrija tal-Unjoni" tfisser jew il-produtturi kollha tal-Unjoni ta' prodotti simili jew f'kompetizzjoni diretta li joperaw fit-territorju tal-Unjoni inkella produtturi tal-Unjoni li l-produzzjoni kollettiva tagħhom ta' prodotti simili jew f'kompetizzjoni diretta normalment tikkostitwixxi aktar minn 50 % u f'ċirkostanzi eċċezzjonali mhux anqas minn 25 % tal-produzzjoni totali fl-Unjoni ta' tali prodott;
 - (b) "produtturi tal-Unjoni" tfisser il-produtturi tal-Unjoni ta' oġġetti industrijali, kif ukoll il-produtturi tal-Unjoni tal-frott tal-baħar jew tal-oġġetti agrikoli koperti minn dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġġuna mill-Kumitat dwar l-Ostakli għall-Kummerċ stabbilit permezz tar-Regolament (UE) 2015/1843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fil-każijiet fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

⁸ Ir-Regolament (UE) 2015/1843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 li jstabbilixxi l-proċeduri tal-Unjoni fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni sabiex jiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni skont ir-regoli internazzjonali tal-kummerċ, b'mod partikolari dawk stabbiliti taħt l-awspiċċi tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (ĠU L 272, 16.10.2015, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2015/1843/oj>).

Artikolu 6
Regoli ta' oriġini

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-oriġini ta' oġġetti għandha tiġi ddeterminata skont ir-regoli dwar l-oriġini mhux preferenzjali kif imsemmi fit-Titolu II, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 1 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, sakemm jiġu adottati regoli dwar l-oriġini preferenzjali kif imsemmija fl-Artikolu 64(2) jew (3) ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 7
Monitoraġġ, valutazzjoni u rapportar

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-effetti ekonomiċi fl-Unjoni tal-aġġustament tad-dazji doganali skont l-Artikolu 1 u l-ftuħ ta' kwoti tariffarji skont l-Artikolu 2. Sa ... [sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull tliet xhur minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-bidliet fil-volumi u l-valuri tal-kummerċ tal-importazzjonijiet lejn l-Unjoni ta' oġġetti li joriġinaw fl-Istati Uniti u li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta valutazzjoni komprensiva tal-effetti ta' dan ir-Regolament (il-“valutazzjoni komprensiva”) sat-30 ta' Ġunju 2029. Il-valutazzjoni komprensiva għandha tkopri, fost l-oħrajn:
 - (a) l-impatt tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet kollha bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti;

- (b) bidliet fil-flussi kummerċjali fl-Istati Membri u s-setturi industrijali u agrikoli kollha;
- (c) kif ix-xejriet kummerċjali tal-Unjoni nbidlu fir-rigward tal-kummerċ ma' pajjiżi terzi;
- (d) l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq id-dħul miġbur minn dazji doganali;
- (e) l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel id-data u l-metodoloġija użati għall-valutazzjoni komprehensiva disponibbli għall-pubbliku.

Fejn xieraq, il-valutazzjoni komprehensiva għandha tkun akkumpanjata minn proposta leġiżlattiva biex jiġi estiż il-perjodu tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 8
Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] sal-31 ta' Diċembru 2029.

Fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha tippreżenta, flimkien mal-valutazzjoni komprensiva proposta leġiżlattiva biex jiġi estiż il-perjodu tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX I

Lista ta' oġġetti msemmija fl-Artikolu 1(1)

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda ("NM"), id-deskrizzjoni tal-prodotti għandha titqies bħala indikattiva, bil-preferenzi tariffarji ddeterminati mill-kodiċijiet NM. Fejn hemm indikati "ex" kodiċijiet NM, il-preferenzi tariffarji jridu jiġu determinati mill-kodiċi NM u d-deskrizzjoni, flimkien.

Kodiċi NM 2025 ¹	Deskrizzjoni
0701 90 50	Patata ġdida, friska jew imkessa, mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju
0701 90 90	Patata, friska jew imkessa (ħlief patata ġdida mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju, patata taż-żriġh u patata għall-manifattura tal-lamtu)
0703 10 19	Basal, frisk jew imkessaħ (ħlief xtieli żgħar għat-taħwil)
0708 20 00	Fażola " <i>Vigna spp.</i> , <i>Phaseolus spp.</i> " friska jew imkessa bil-qoxra ta' barra jew mingħajrha
0709 20 00	Spraġ frisk jew imkessaħ
0709 60 10	Bżar ħelu, frisk jew imkessaħ
0710 80 69	Faqqiegħ, iffriżat, mhux imsajjar jew imsajrin bl-istim jew bit-togħlijat (ħlief dak tal-ġeneru <i>Agaricus</i>)
0710 80 95	Ħxejjex oħrajn, imsajrin jew le bit-togħlija fl-ilma jew bil-fwar, iffriżati – Oħrajn
0712 20 00	Basal mnixxef, sħaħ, imqattgħin, flieli, biċċiet jew trab, iżda mhux preparati iktar minn hekk
0712 90 90	Ħxejjex u taħlitiet ta' ħxejjex, imnixxfin, sħaħ, imqattgħin, imqattgħin flieli, misħuqin jew magħmulin trab, iżda mhux ippreparati aktar - Oħrajn
0714 20 10	Patata ħelwa, friska, sħiħa, intiża għall-konsum mill-bniedem
0805 10 80	Larinġ, frisk jew imnixxef (ħlief larinġ ħelu frisk)
0805 40 00	Grapefruit u pomelos friski jew imnixxfin
0805 50 90	Xkomp " <i>Citrus aurantifolia</i> , <i>Citrus latifolia</i> ", frisk jew imnixxef
0805 90 00	Frott taċ-ċitru frisk jew imnixxef - Oħrajn

¹ Il-kodiċijiet tan-nomenklatura huma meħuda min-Nomenklatura Magħquda kif definita fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana li huma validi fiż-żmien tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament u mutatis mutandis kif emendati minn atti leġiżlattivi sussegwenti.

Kodiċi NM 2025 ¹	Deskrizzjoni
0806 20 30	Sultani mnixxfa
0806 20 90	Għeneb immixxef (ħlief passolina u sultani)
0808 10 10	Tuffieħ tas-sidru, frisk, sfużi, mis-16 ta' Settembru sal-15 ta' Diċembru
0808 30 10	Lanġas tal-perry, frisk, sfużi, mill-1 ta' Awissu sal-31 ta' Diċembru
0810 20 10	Lampun frisk
0810 40 30	Frott tal-ispeċi <i>Vaccinium myrtillus</i> , frisk
0810 40 50	Frott tal-ispeċi <i>Vaccinium macrocarpum</i> u <i>Vaccinium corymbosum</i> , frisk
0810 40 90	Frott frisk tal-ġeneru <i>vaccinium</i> (ħlief l-ispeċi <i>Vaccinium vitis-idaea</i> , <i>myrtillus</i> , <i>macrocarpon</i> u <i>corymbosum</i>)
0811 90 19	Frott u ġewż, iffriżati, li jittieklu, mhux imsajrin jew imsajrin bl-istim jew bit-togħlijat fl-ilma, biz-zokkor miżjud jew dolċifikant ieħor, b'kontenut ta' zokkor ta' ≤ 13 % skont il-piż
0811 90 50	Frott tal-ispeċi <i>Vaccinium myrtillus</i> , mhux imsajjar jew imsajrin bl-istim jew bit-togħlijat, iffriżat, mingħajr ħlewwa miżjuda
0811 90 95	Frott u ġewż iffriżati, tajbin għall-ikel, nejjin jew imsajrin bl-istim jew bit-togħlija fl-ilma, mingħajr zokkor jew materjal ieħor biex jagħmel ħelu miżjud – oħrajn
0813 10 00	Berquq immixxef
0813 20 00	Pruna mnixxfa
0813 40 95	Frott immixxef – oħrajn
0813 50 19	Taħlitiet ta' berquq immixxef, tuffieħ, ħawħ, inkluż <i>prunus persica nectarina</i> u <i>nettarini</i> , lanġas, papaw "papaja" jew frott ieħor li jittiekel u mnixxef, li fihom il-pruna
1007 10 10	Sorgu tal-ħbub ibridu, għaż-żriġħ
1007 90 00	Sorgu tal-qamħ (ħlief għaż-żriġħ)
1008 21 00	Żerriegħa tal-millieġ għaż-żriġħ (eskluż is-sorgu tal-ħbub)
1102 90 10	Dqiq tax-xgħir
1209 10 00	Żerriegħa tal-pitravi taz-zokkor, għaż-żriġħ

Kodiċi NM 2025 ¹	Deskrizzjoni
1209 21 00	Żerriegħa tal-alfalfa, għaż-żriġħ
1209 23 80	Żerriegħa taż-żwien, għaż-żriġħ (ħlief żerriegħa taż-żwien tal-bur <i>Festuca pratensis</i> Huds u żerriegħa taż-żwien aħmar <i>Festuca rubra</i> L.)
1209 29 50	Żerriegħa tal-lupina għaż-żriġħ
1209 29 60	Żerriegħa tas-selq għall-foraġġ (<i>Beta vulgaris</i> var. <i>alba</i>), għaż-żriġħ
1209 29 80	Żrieragħ ta' pjanti oħra għall-foraġġ, għaż-żriġħ - oħrajn
1209 30 00	Żrieragħ tal-pjanti erbaċej ikkoltivati prinċipalment għall-fjuri, għaż-żriġħ
1209 91 30	Żerriegħa tas-selq tal-insalata jew żerriegħa tal-pitravi (<i>Beta vulgaris</i> var. <i>conditiva</i>), għaż-żriġħ
1209 91 80	Żrieragħ veġetali għaż-żriġħ (ħlief pitravi tal-insalata jew pitravi (<i>Beta vulgaris</i> var. <i>conditiva</i>))
1209 99 91	Żrieragħ tal-pjanti nonerbaċej ikkoltivati prinċipalment għall-fjuri, għaż-żriġħ
1209 99 99	Żrieragħ, frott u spora oħra, għaż-żriġħ
1512 11 10	Żejt taż-żerriegħa tal-ġirasol jew tal-għosfor mhux raffinat, għal użu tekniku jew industrijali (ħlief għall-manifattura ta' oġġetti tal-ikel)
1515 90 99	Xaħmijiet u żjut veġetali fissi solidi u l-frazzjonijiet tagħhom, kemm jekk raffinati kif ukoll jekk le, iżda mhux modifikati kimikament, f'pakketti immedjati ta' > 1 kg, jew likwidi, mhux speċifikati mod ieħor. (ħlief għal użi tekniċi jew industrijali u xaħmijiet u żjut mhux raffinati)
1517 90 99	Taħlitiet jew preparati tajbin għall-ikel ta' xaħmijiet jew żjut ta' annimali jew veġetali u frazzjonijiet tajbin għall-ikel ta' xaħmijiet jew żjut differenti, li fihom ≤ 10 % xaħmijiet tal-ħalib (ħlief żjut veġetali fissi, fluwidi, imħalltin, taħlitiet jew preparati tajbin għall-ikel li jintużaw bħala preparati għall-qligħ mill-forom, u marġerina solida)
2001 10 00	Ħjar u ħjar tal-pikles, ippreparati jew ippreservati bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku
2001 90 20	Frott tal-ġeneru <i>Capsicum</i> , ippreparat jew ippreservat bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku (għajr bżar ħelu jew pimenti)
2004 10	Patata, ippreparata jew ippreservata mod ieħor milli fil-ħall jew l-aċidu aċetiku, iffriżata
2005 20 10	Patata fil-forma ta' dqiq, grixja jew fjokki (ħlief dawk iffriżati)

Kodiċi NM 2025 ¹	Deskrizzjoni
2005 60 00	Spraġ, ippreparat jew ippreservat mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku (ħlief iffriżat)
2005 70 00	Żebbuġ, ippreparat jew ippreservat għajr bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku (ħlief iffriżat)
2005 99 80	Ħxejjex, ippreparati jew ippreservati mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, mhux iffriżati – oħrajn
2007 99	Ġammijiet, jellies, marmellati, purée jew pastes tal-frott, miksubin bit-tisjir, kemm jekk fihom iz-zokkor jew dolċifikant ieħor miżjud u kemm jekk le:
2008 20 90	Ananas, ippreparati jew ippreservati, mingħajr żieda ta' spirtu jew zokkor ieħor
2008 93	Cranberries (<i>Vaccinium macrocarpon</i> , <i>Vaccinium oxycoccos</i> , lingonberries, <i>Vaccinium vitis-idaea</i>), ippreparati jew ippreservati, kemm jekk fihom zokkor jew dolċifikant jew spirtu miżjud kif ukoll jekk le, mhux speċifikati mod ieħor
2008 99 28	Frott u partijiet oħra li jittieklu ta' pjanti, ippreparati jew ippreservati, li jkun fihom l-ispirtu miżjud, b'kontenut ta' zokkor ta' > 9 % skont il-piż u ta' qawwa alkoħolika reali bil-massa ta' <= 11,85 %
2008 99 34	Frott u partijiet oħra li jittieklu ta' pjanti, ippreparati jew ippreservati, li jkun fihom spirtu miżjud, b'kontenut ta' zokkor ta' > 9 % skont il-piż u ta' qawwa alkoħolika reali bil-massa ta' > 11,85 %
2008 99 37	Frott u partijiet oħra ta' pjanti tajbin għall-ikel, ippreparati jew ippreservati, li jkun fihom spirtu miżjud, ta' qawwa alkoħolika reali bil-massa ta' <= 11.85 %
2008 99 40	Frott u partijiet oħra ta' pjanti li jittieklu, ippreparati jew ippreservati, li fihom spirtu miżjud, b'qawwa alkoħolika attwali ta' > 11,85%
2008 99 45	Għanbaqar, ippreparat jew ippreservat, mingħajr spirtu iżda b'zokkor miżjud, f'pakketti immedjati b'kontenut nett ta' > 1 kg
2008 99 48	Gwav, Mangi, mangostani, pawpaw "papayas", tamarind, frott tal-anakardju, lychees, jackfruit, għanbaqar tas-sapodillo, frott tal-passjoni, karambola u pitahaya, ippreparati jew ippreservati, li ma jkunx fihom l-ispirtu miżjud imma biz-zokkor miżjud, f'pakketti immedjati b'kontenut nett ta' > 1 kg
2008 99 49	Frott u partijiet mill-pjanti li jittieklu oħra, mħejjija jew ippreservati, li ma jkollhomx spirtu miżjud iżda jkunu miżjudin biz-zokkor, f'pakketti immedjati ta' kontenut nett ta' > 1 kg

Kodiċi NM 2025 ¹	Deskrizzjoni
2008 99 67	Frott u partijiet mill-pjanti li jittieklu oħra, mħejjija jew ippreservati, li ma jkollhomx spirtu miżjud iżda jkun miżjudin biz-zokkor, f'pakketti immedjati ta' kontenut nett ta' ≤ 1 kg
2008 99 99	Frott u partijiet oħra mill-pjanti li jittieklu, ippreparati u ppreservati, li ma jkunx fihom spirtu miżjud jew zokkor miżjud – oħrajn
2009 49 30	Meraq tal-ananas, mhux iffermentat, valur brix > 20 iżda ≤ 67 f'20°C, valur ta' > 30 € għal kull 100 kg, li fih zokkor miżjud (ħlief dak li fih spirtu)
2009 81	Il-meraq tal-cranberries (<i>Vaccinium macrocarpon</i> , <i>Vaccinium oxycoccos</i> , tal-lingonberry, <i>Vaccinium vitis-idaea</i>), mhux fermentat, kemm jekk fih zokkor miżjud jew sustanza oħra li tagħti l-ħlewwa (ħlief dak li fih l-ispirtu)
2009 89 35	Meraq tal-frott jew tal-ħaxix, mhux iffermentat, mingħajr spirtu miżjud, kemm jekk fih zokkor miżjud jew sustanza oħra li tagħti l-ħlewwa, kif ukoll jekk le, valur brix > 67 f'20°C, valur ta' ≤ € 30 għal kull 100 kg (ħlief taħlitiet u meraq ta' frott taċ-ċitru, frott tal-passjoni, mango, mangostin, papaw "papayas", jackfruit, gwava, tamarind, frott tal-anakardju, lychees, għanbaqar tas-sapodillo, karambola jew pitahaya, ananas, tadam, għeneb, tuffieħ, cranberries u lanġas)
2009 89 38	Meraq tal-frott jew tal-ħaxix, mhux iffermentat, kemm jekk fih zokkor miżjud jew sustanza oħra li tagħti l-ħlewwa, kif ukoll jekk le, valur brix > 67 f'20°C, valur ta' > € 30 għal kull 100 kg (ħlief taħlitiet u meraq ta' frott taċ-ċitru, frott tal-passjoni, mango, mangostin, papaw (papayas), jackfruit, gwava, tamarind, frott tal-anakardju, lychees, għanbaqar tas-sapodillo, karambola jew pitahaya, ananas, tadam, għeneb, tuffieħ, cranberries u lanġas)
2009 89 69	Meraq tal-lanġas, mhux iffermentat, valur brix ≤ 67 f'20°C (ħlief dak li fih zokkor miżjud jew li fih spirtu)
2009 89 73	Meraq tal-gwava, mango, mangosteen, papaw (papayas), tamarind, frott tal-anakardju, lychees, jackfruit, għanbaqar tas-sapodillo, frott tal-passjoni, karambola jew pitahaya, mhux fermentat, valur brix ≤ 67 f'20°C, valur ta' > € 30 għal kull 100 kg piż nett, li fih zokkor miżjud (ħlief taħlitiet jew li fihom spirtu)

Kodiċi NM 2025 ¹	Deskrizzjoni
2009 89 79	Meraq tal-frott jew tal-ħaxix, mhux iffermentat, valur brix ≤ 67 f20°C, valur ta' $> \text{€ } 30$ għal kull 100 kg, li fihom zokkor miżjud, ħlief għal (taħlitiet jew li fihom spirtu u meraq ta' frott taç-ċitru, gwavi, mangi, mangostani, papaj (papajji), tamarindi, tuffieħ tal-anakardju, liçi, jackfruit, għanbaqar tas-sapodillo, frott tal-passjoni, karambola, pitaħaja, ananas, tadam, għeneb inkluż most tal-għeneb, tuffieħ, cranberries, lanġas u ċirasa)
2009 89 86	Meraq tal-frott jew tal-ħaxix, mhux iffermentat, b'valur brix ≤ 67 f20°C, b'valur ta' $\leq \text{€ } 30$ għal kull 100 kg, li fih $\leq 30\%$ zokkor miżjud (ħlief taħlitiet jew li fihom spirtu, u meraq ta' frott taç-ċitru, gwavi, mangi, mangostani, papaj "papajji", tamarind, frott tal-anakardju, lychees, jackfruit, għanbaqar tas-sapodillo, frott tal-passjoni, karambola, pitaħaja, ananas, tadam, għeneb, inkluż most tal-għeneb, tuffieħ, cranberries u lanġas)
2009 89 89	Meraq tal-frott jew tal-ħaxix, mhux iffermentat, b'valur brix ≤ 67 f20°C, b'valur ta' $\leq \text{€ } 30$ għal kull 100 kg, li fih $\leq 30\%$ zokkor miżjud (ħlief taħlitiet jew li fihom spirtu, u meraq ta' frott taç-ċitru, gwavi, mangi, mangostani, papaj (papajji), tamarind, frott tal-anakardju, lychees, jackfruit, għanbaqar tas-sapodillo, frott tal-passjoni, karambola, pitaħaja, ananas, tadam, għeneb, inkluż most tal-għeneb, tuffieħ, cranberries u lanġas)
2009 89 99	Meraq tal-frott jew tal-ħaxix, mhux iffermentat, b'valur brix ≤ 67 f20°C (ħlief dawk li fihom zokkor miżjud jew li fihom spirtu, taħlitiet, u meraq ta' frott taç-ċitru, gwavi, mangi, mangostani, papaj (papajji), tamarind, frott tal-anakardju, lychees, jackfruit, għanbaqar tas-sapodillo, frott tal-passjoni, karambola, pitaħaja, ananas, tadam, għeneb, inkluż most tal-għeneb, tuffieħ, lanġas, ċirasa u cranberries)
25	Melħ; kubrit; materjali tal-art u ġebel; materjali tat-tikħil, ġir u siment
26	minerali mhux maħduma, gagazza u rmied
27	karburanti minerali, żjut minerali u prodotti tad-distillazzjoni tagħhom; sustanzi bituminużi; xemgħat minerali
28	sustanzi kimiċi inorganiċi; komposti organiċi jew inorganiċi ta' metalli prezzjużi, ta' metalli tal-materjali tal-art rari, ta' elementi radjuattivi jew ta' isotopi

Kodiċi NM 2025 ¹	Deskrizzjoni
ex 29	sustanzi kimiċi organiċi Ħlief: 2905 43 - Mannitol 2905 44 - D-glucitol (sorbitol)
30	Prodotti Farmaċewtiċi
31	Fertilizzanti
32	Estratti għall-ikkonzar jew għaḡ-żbigħ; tannini u d-derivattivi tagħhom; żebgħa, pigmenti u materja koloranti oħra; żebgħa u verniċi; stokk u mastiċi oħrajn; linek
ex 33	żjut essenzjali u reżinojdi; preparati tal-fwejjaħ, kosmetiċi jew tat-twaletta Ħlief: 3302 10 - Taħlitiet tas-sustanzi bir-riħa u t-taħlitiet, inkluż soluzzjonijiet alkoħoliċi b'bażi ta' waħda jew iktar minn dawn is-sustanzi, li jintużaw fl-industrija tal-ikel u tax-xorb; preparati oħrajn ibbażati fuq sustanzi bir-riħa, ta' tip użati għall-manifattura tax-xorb
34	sapun, aġenti tensjoattivi organiċi, preparati għall-ħasil, preparati għal-lubrikazzjoni, xemgħat artifiċjali, xemgħat ippreparati, preparati għall-illustrar jew għall-għorik, xemgħat u oġġetti simili, pastes għall-immudellar, "xemgħat dentali" u preparati dentali b'bażi ta' ġibs
3506	Kolol ippreparati u adeżivi ppreparati oħrajn, li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra; prodotti tajbin għall-użu bħala kolol jew adeżivi, ippreżentati għall-bejgħ bl-imnut bħala kolol jew adeżivi, li ma jaqbżux il-piż nett ta' 1 kg
3507	Enżimi; enżimi ppreparati li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra
36	splużivi; prodotti pirotekniċi; sulfarini; liġi piroforiċi; ċerti preparati kombustibbli
37	oġġetti fotografiċi jew ċinematografiċi

Kodiċi NM 2025 ¹	Deskrizzjoni
ex 38	diversi prodotti kimiċi; Ħlief: 3809 10 - Aġenti għall-finitura, aċċelleranti taż-żebgħa jew tal-iffissar tal-koloranti u prodotti u preparati oħrajn (pereż. dressings u mordenti), tat-tip użati fl-industriji tat-tessuti, tal-karta, tal-ġilda jew bħalhom, li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra, b'bażi ta' sustanzi amilaċeużi: 3824 60 - Sorbitol għajr dak tas-subintestatura 2905 44
39	Plastik u oġġetti magħmula minnu
40	Gomma u oġġetti tagħha
41	Ġlud grezzi (għajr il-ġlud tal-pelliċċerija) u l-ġilda
42	Oġġetti tal-ġilda; oġġetti tas-sarraġ u xedd; oġġetti għas-safar, boroż tal-idejn u kontenituri simili; oġġetti tal-korda tal-musrana (ħlief musrana tad-dudu tal-ħarir)
43	Ġlud tal-pelliċċerija u fer artifiċjali; prodotti magħmulin minnhom
44	Injam u oġġetti tal-injam; karbonju tal-injam
45	Sufra u oġġetti tas-sufra
46	Manifatturi ta' tiben, ta' spartu jew ta' materjali oħrajn tat-trizza; xogħol tal-qfief u xogħol tal-qasab
47	Polpa tal-injam jew ta' materjal ieħor ċellulożiku fibruż; (skart u laqx tal-) karta jew kartun irkuprat:
48	Karta u kartun; oġġetti tal-polpa tal-karta, tal-karta jew tal-kartun
49	Kotba stampati, gazzetti, stampi u prodotti oħrajn tal-industrija tal-istampar; manuskritti, testi ttajpjati u pjanti
50	ħarir
51	Suf, xagħar fin jew aħrax tal-animali; raden u drapp minsuġin mill-krin
52	Qoton

Kodiċi NM 2025 ¹	Deskrizzjoni
53	Fibri tessili veġetali oħrajn; ħjut tal-karta u drappijiet minsuġin minn ħjut tal-karta
54	Filamenti magħmulin mill-bniedem; strixxi u oġġetti simili ta' materjali tessili magħmulin mill-bniedem
55	Fibri staple magħmulin mill-bniedem
56	Wattiet, feltru u drappijiet mhux minsuġin; raden speċjali; spag, kurduni, ħbula, u gumna u oġġetti magħmulin minnhom
57	Twapet u kisi tal-art tessili ieħor
58	drappijiet minsuġin speċjali; drappijiet tessili bil-bżiebeż; bizzilla; tapizzeriji; tberfiliet; rakmu
59	Drappijiet tessili imprenjati, miksijin, mgħottijin jew laminati; oġġetti tessili ta' tip addattat għall-użu industrijali
60	Drappijiet innittjati jew maħdumin bil-ganċ
61	Oġġetti ta' lbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ, innittjati jew maħdumin bil-ganċ
62	Oġġetti tal-ilbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ, mhux innittjati jew mhux maħdumin bil-ganċ
63	Oġġetti tessili oħrajn immanifatturati; settijiet; ilbiesi qodma u oġġetti tessili qodma; ċraret
64	Xedd is-saqajn, getti u oġġetti bħalhom; il-partijiet ta' dawn l-oġġetti
65	Xedd ir-ras u l-parts tiegħu
66	Umbrelel, umbrelel tax-xemx, bsaten għall-mixi, bsaten-siġġu, frosti, frostini u l-parts tagħhom
67	Rix u żajbar ippreparati u oġġetti magħmulin mir-rix jew miż-żajbar; fjuri artifiċjali; oġġetti ta' xagħar uman
68	Oġġetti tal-ġebel, ġibs, siment, asbestos, majka jew materjali simili
69	Prodotti taċ-ċeramika
70	Ħġieġ u oġġetti tal-ħġieġ
71	Perli naturali jew ikkultivati, ħaġar prezzjuż jew semiprezzjuż, metalli prezzjużi, metalli mlibbsa b'metall prezzjuż, u oġġetti magħmula minnhom; biġotterija: munita

Kodiċi NM 2025 ¹	Deskrizzjoni
72	Hadid u azzar
73	Oġġetti tal-ħadid jew tal-azzar
74	Ram u oġġetti magħmula minnu
75	Nikil u oġġetti magħmula minnu
76	Aluminju u oġġetti magħmula minnu
78	Ċomb u oġġetti magħmula minnu
79	Żingu u oġġetti magħmula minnu
80	Landa u oġġetti magħmula minnha
81	Metalli oħrajn ta' valur baxx; ċermiti; oġġetti tagħhom
82	Għodod, tagħmir, pożati, imġharef u frieket, ta' metall komuni; partijiet tagħhom tal-metall komuni
83	Oġġetti mixxellanji ta' metalli komuni
84	Reatturi nukleari, boilers, makkinarju u apparati mekkaniċi; parts tagħhom
85	Makkinarju u tagħmir elettriku u parts tagħhom; strumenti li jirrekordjaw u strumenti li jirriproduċu l-ħoss; strumenti li jirrekordjaw u strumenti li jirriproduċu stampa u ħoss televiżivi u partijiet u aċċessorji ta' dawn l-oġġetti
86	Lokomottivi tal-linji ferrovjarji jew tat-tramm, rolling stock u parts tagħhom; fixtures u fittings għall-binarji jew għal-linji tat-tramm u parts tagħhom; tagħmir ta' sinjalar mekkaniku tat-traffiku (inkluż elettro-mekkaniku) ta' kull tip
87	Vetturi ħlief rolling-stock ta' linji ferrovjarji jew tat-tramm, u parts u aċċessorji tagħhom
88	Inġenji tal-ajru, inġenji tal-ispazju, u parts tagħhom
89	Bastimenti, dgħajjes u strutturi li jżommu f'wiċċ l-ilma
90	Strumenti u apparat ottiku, fotografiku, ċinematografiku, ta' kejl, ta' iċċekkjar, ta' preċiżjoni, mediku jew kirurġiku; parts u aċċessorji tagħhom:
91	Arloġġi u arloġġi tal-idejn jew tal-but u parts tagħhom

Kodiċi NM 2025 ¹	Deskrizzjoni
92	Strumenti mużikali; parts u aċċessorji ta' oġġetti bħal dawn
93	Armi u munizzjon; parts u aċċessorji tagħhom:
94	Għamara; friex, saqqijiet, irfid għas-saqqijiet, cushions u arredament simili mimli; luminarji u l-fittings tat-tidwil mhux speċifikati jew inklużi banda oħra; sinjali mdawlin, pjanċi tal-ismijiet imdawlin u bħalhom: bini prefabbrikat:
95	Ġugarelli, loġħob u oġġetti għall-isport; parts u aċċessorji tagħhom:
96	Oġġetti manifatturati varji
97	Xogħlijiet tal-arti, bċejjeċ tal-kollezzjoni u antikitajiet

ANNEX II

Lista ta' prodotti msemija fl-Artikolu 1(2)

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda ("NM"), id-deskrizzjoni tal-prodotti għandha titqies bħala indikattiva, bil-preferenzi tariffarji ddeterminati mill-kodiċijiet NM.

